MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Numru. 158/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Anthony Cassar)**

**v**

**Vincent Bondin ta‘ 57 sena, iben Carmel**
**u Josephine nee Busuttil, mwieled Haz-Zabbar,**
**fit-22 ta‘ Frar, 1945 u joqghod fl-indirizz numru 9,**
**Misrah is-Sliema, Haz-Zabbar,**
**detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru**
**215745 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Vincent Bondin li gie akkuzat talli f’numru 9, Misrah is-Sliem, Haz-Zabbar,

nhar it-Tnejn 10 ta‘ Frar, ghall-habta ta‘ xi l-hamsa ta‘ wara nofsinahr:

1. Dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta‘ martu Michelina Bondin minn Haz-Zabbar, f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta‘ dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta‘ tieghu.
2. U aktar akkuzat talli, fl-istes lok, jum, hin u cirkostanzi , bla ordni skond il-ligi ta‘ l- awtorita‘ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess martu Michelina Bondin, kontra l-volonta‘ taghha filwaqt li heddidha bil-mewt.
3. U aktar akkuzat talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, f'dawn l-ahhar tliet xhur, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm fil-fond tieghu, u cioe f'numru 9, Misrah is-Sliem, Haz-Zabbar, arma tan-nar, u cioe pistola awtomatika tal-ghamla Raven cal. .25 kif ukoll munizzjoni u cioe hmistax-il bullet .25.
4. U aktar akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'daw l-ahhar tlit xhuyr, meta gie fil-pussess ta‘ arma tan-nar u munizzjoni, xort'ohra milli b'licenzja, ma tax avviz taghhom minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija.
5. U aktar akkuzat talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, fil-hin li ghamel l-imsemmi delitt kellu fuq il-persuna tieghuyl-arma tan-nar imsemmija.

Rat l-artikoli a fol 77 taht liema kien mahsub li tista‘ tinstab htija:

(a) Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 86, 222(1)(a), 339(b), 31, 17(b)(c)(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali
(b) Fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 26 u 27 tal-Kapitlu 66.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi ex admissis Vincent Bondin ammetta, kif del resto jirrizulta mir-ricerki tal-pulizija,illi huwa la kellu permess ghal arma u munizzjoni jigifierei ma kellux licenzja ghaz-zammi taghha u laqnas ma avza lill-Kummissarju tal-Pulizija tal-pussess taghha.

Jirrizulta wkoll u dan ex admissis mix-xhieda ta‘ l-akkuzat illi huwa verament waqt il-litigju li nqala‘ bejnu u familtu, li mar fil-bedroom tieghu, fejn kien izomm l-arma fil-komodina, u tefa‘ l-istess arma fil-but. Jghid li hu ghamel hekk ghax basar x’se jinqala‘ allura jghid li ried inizzel l-arma fil-kcina.

Ghandu jinghad ukoll illi l-glieda li nqalghet bejn l-akkuzat u familtu kienet fuq allegat adulterju ta‘ l-akkuzat.

L-akkuzat ammetta wkol illi hu pogga r-revolver ma‘ ras martu, ghalkemm ma ammettiex kif xehdet hi li qabadha minn xaghrha.

Fix-xhieda tieghu Bondin jghid illi kwazi kwazi hu ta l-arma lil uliedu u zwieghom meta marru jissaraw mieghu, jghid ukoll illi fil-fatt qatt ma eklu idejh fuq il-grillu. Pero‘ detta dan kollu kif anke jirrizulta mix-xhieda tas-surgent –arma kienet anke kkargata.

Ikkonsidrat

Illi certament Vincent Bondin xejn ma ghamel sens fl-ispjegazzjoni tieghu li bhala prekawzjoni ghax kien jaf x’se jinqala‘, minflok halla r-revolver fil-bedroom fejn kien jinzamm tefghu fuqu u nizzlu mieghu fil-kcina, ben sapendo li kien se jinqala‘ l-inkwiet ma’ bintu Carmen Zammit, gialadarba din kienet skondtha qabditu ma‘ mara ohra. Kieku verament Vincent Bondin ried jahrab l-inkwiet l-arma kien ihalliha fejn kienet u mhux inizzilha mieghu fil-kcina fejn gia kien jaf li kien se jigi konfrontat.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-Brigader Maurice Calleja, espert ballistiku a fol 67 -73.

Ghaldaqstnat qed issib lil Vincent Bondin hati ta‘ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 88, 222(1)(a), 339(b), 17, 20, 22, 23 tal-Kapitlu 9 u 2, 3, 9, 19, 26, 27 tal-Kapitlu 66.

Ikkonsidrat dwar il-piena, illi ghalkemm Vincent Bondin m’ghandux fedina penali netta pero‘ mhux wahda mill-gravi li sfortunatament rat din il-Qorti. Illi oltre hekk jidher li din il-familja solviet il-problemi ta‘ bejnietha anke ghall-fatt li l-ulied u zwieghom ghazlu li ma jiddeponux kontra l-akkuzat illi ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li Vincent Bondina ghandu jsofri piena karcerarja ghax serji huma l-akkuzi lilu addebitati, pero‘ din anke tkun sospiza. Rat ghalhekk l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 u qed tikkundannah sentejn habs sospizi ghal erba‘ snin.

Tordna wkoll il-konfiska tal-arma u munizzjoni esebit (Dok AC, AC1, AC2).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------